**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 12/25**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 17 ta' Novembru 2025 |
| **Ħin:** | 5:40pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Joan Agius - Sindku<br>Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mis-6:02pm sad-9:15pm)<br>Enya Abela - Kunsilliera (Mill-5:50pm sad-9:17pm)<br>Christian Attard - Kunsilliera<br>Anthony Aquilina - Kunsillier<br>Dorcas Camilleri - Kunsillier (Online)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-5:54pm)<br>Ivan Giardina - Kunsillier (Sat-7:45pm)<br>Luke Doublet - Kunsilliera (Sad-9:00pm)<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **12.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **12.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **12.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **12.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **12.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **12.06** | **Attivitajiet Milied;** |
| **12.07** | **Pjazza għal Pjazza;** |
| **12.08** | **Xogħlijiet;** |
| **12.09** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **12.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **12.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **12.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**12. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija mressqa. | |

**12. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Aquilina<br>Sekondant: Attard | Il-Minuti 11/25 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 12. 2. 1 | 11.03.15 | Attard | Għandu jinkiteb Steve Ellul CEO ta' Infrastructure Malta | |
| 12. 2. 2 | 11.03.14 | Viċi-Sindku | Jitniżżel li semma' Sqaq Qawri u Sqaq Luqa Briffa. | |
| 12. 2. 3 | | Sindku | Is-Sindku pproponiet lill-Kunsill li binja fi Triq Ħal Tarxien tgħaddi għand il-Kunsill sabiex tiġi restawrata u ssir AgriTuriżmu | |
| 12. 2. 4 | | | | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**12. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2 5 | 11.02.14 | Attard: Triq San Girgor | Attard qal li llum beda x-xogħol fuq din it-triq. | Attard |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 6 | 11.04.04 | Attard: Pelican lights | Attard qal li l-pelican lights f'Wesgħat Għajn il-Bhejjem qed jistennew part biex tasal minn barra u terġa' lura għan normal. | Attard |
| 12. | 2 | 7 | 11.02.04 | Aquilina: Tiżjin tal-Milied | Aquilina staqsa dwar il-prezz jekk ġiex innegozjat mal-kuntrattur. Is-Segreatrju Eżekuttiv wieġeb li dan ġie mraħħas għal €16,005 u jrid jiżdied il-vat fuq il-prezz peress li Triq Santa Katarina mhux ser tkun aċċessibli sabiex tintrama minħabba xogħol li għaddej mill-WSC. | Aquilina |
| 12. | 2 | 8 | 11.02.16 | Aquilina: Bust fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Aquilina qal li kien hemm żball fejn twaħħlu l-busti fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Min naħa tagħna nfurmajna l-perit li din għandha tiġi ratifikata mill-familjari peress li dan ma kinx żball tagħna. Semma wkoll li trid tittieħed deċiżjoni dwar busti oħra li hawn madwar iż-Żejtun, speċjalment dak li hemm fid-daħla taż-Żejtun, biex dawn ukoll jimxu fl-istess ġnien. L-ispejjes għal dan irid jerfgħu il-kunsill. Dwar il-bust tal-Bambinu diġa qed jiġu mitkellma l-familjari u għandha tintbgħat ittra. | Aquilina |
| 12. | 2 | 9 | 11.03.13 | Aquilina: Karnival | Aquilina qal li s-Sur David Gatt infurmah li huwa kuntent ħafna bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-iskola sabiex isir struttura tal-karnival. | Aquilina |
| 12. | 2 | 10 | 11.05.02 | Aquilina: Lapida | Aquilina qal li s'issa għadna qed nistennew risposta mill-Bank Of Valletta. | Aquilina |
| 12. | 2 | 11 | 11.05.03 | Aquilina: Letter Box fi Triq San Girgor | Aquilina fakkar lill-Viċi-Sindku sabiex din issir malajr kemm jista' jkun ħalli meta titlesta t-triq tkun lesta u ma' jsirx xogħol doppju. | Aquilina |
| 12. | 2 | 12 | 11.05.04 | Aquilina: Ġnien Dun Victor Grech | Aquilina qal li bħalissa qed naraw l-art in kwistjoni ta' min hi jekk hux tal-privat jew tal-Lands Department. | Aquilina/Sindku |
| 12. | 2 | 13 | 11.04.05 | Giardina: Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Giardina qal li issa xebgħa jistenna l-awtoritajiet sabiex tittieħed azzjoni konkreta u għalhekk ser ikun qed jagħti ċans ħmistax sabiex dan isir. | Sindku |
| 12. | 2 | 14 | 11.09.04 | Abela: Mobile Blood Donation Unit u Mobile Cancer Research Unit | Abela qalet li dawnser ikun qed jiġu fit-30 ta' Novembru u fis-26 ta' Novembru. Reġgħat qajjmet il-problema ta' parkeġġi riservati fil-pjazza u ingħataw diversi għażliet forsi din tissolva u ma jibqgħux jipparkjaw karozzi meta jkunu ġejjien. | Abela |
| 12. | 2 | 15 | 11.09.02 | Aquilina: Banda tal-Kunsill | Aquilina qal li l-attivta' mill-banda tal-kunsill fis-17 ta' Diċembru ser issir kif pjanat u qed jiġbor lill-bandisti. | Aquilina |
| 12. | 2 | 16 | 11.02.17 | Viċi-Sindku: Drenaġġ f'Ħajt il-Wied | Il-Viċi-Sindku saħaq li għandu jibqa' jsir pressjoni sabiex din il-problema tissolva. | Viċi-Sindku/Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 17 | 11.06.01 | Viċi-Sindku: Permess Rex Bar | Il-Viċi-Sindku staqsa jekk dan il-permess jistax jiġi mġedded għas-sena d-dieħla. Qamet diskussjoni dwar dan u ntlaba li dan jagħmel talba bil-miktub flimkien ma' ċertifikat mediku li dan ma kinx possibbli li jarma. Jekk ma jiġux preżentati dawn ma jkunx jista' jiġi rifondut l-ammont. | Sindku |

**12 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 1 | | Fondi: Ċirkolari AKL 65/2025 - Inizjattivi ta' Mobilita' Attiva u Sostenibbli.EMW2025 | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser inkunu qed napplikaw għal-Inizjattivi ta' Mobilita' Attiva u Sostenibbli. sabiex b'dawn ikun qed isir stair lift fit-taraġ tal-kunsill sabiex dan isir iktar aċċessibli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku |
| 12 | 3 | 2 | | Fondi: Lesa Proposal Form - Proġetti fil-Komunita' - Programme 2024 - 2026 | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser inkunu qed napplikaw għal-Fondi tal-LESA sabiex bihom isir restawr tal-Arti u Artiġjanat fuq il-faċċata inkluż l-aperturi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku |
| 12 | 3 | 3 | | Sindku: Kaxxi tal-parking | Is-Sindku qalet li hemm il-ħtieġa li l-parkeġġi jibdew isiru iktar indikattivi peress li qed isiru linji mat-triq biss il-karozza qed jipparkjaw mhux kif suppost. Attard qalli li din hija policy ta' TM sabiex isiru hekk. | Sindku |
| 12 | 3 | 4 | | Sindku: Mixja tal-President | Is-Sindku fakkret li fit-30 ta' Novembru ser issir il-mixja tal-President. Ħeġġet lil kuħadd sabiex jipparteċipa. | Sindku |
| 12 | 3 | 5 | | Sindku: Ħajt il-Wied | Is-Sindku qalet li saret talba sabiex l-aħħar parti ta' din it-triq issir konkos u mhux tarmak wara talba mir-residenti u bdiewa. | Sindku |
| 12 | 3 | 6 | | Sindku | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fi Triq l-Isqof Galea ser jittieħdu żewġ parkeġġi sakemm isir ix-xogħol sabiex ikun jista' joħorġu r-residenti. | Sindku |
| 12 | 3 | 7 | | Sindku: Ibins | Is-Sindku qalet li l-ibins li hemm fi Triq il-Fieres għandhom jitneħħew. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Dwar dan diġa' ktibna lill-GreenPak. | Sindku |
| 12 | 3 | 8 | | Sindku: Wirja Artisti Żwieten | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li f'Sala Ġużeppina Curmi ser issir wirja relata ma' Artisti Żwieten. | Sindku |
| 12 | 3 | 9 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-Quarterly Financial Statements għall-perjodu Jannar 2025 sa Settmebru 2025. Huwa ta rendikont tad-dħul u ħruġ u li ser ikun qed jagħlaq b'surplus għal dan il-perjodu. Dawn ġew approvati b'mod unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12 3 10 | | Sindku: Ġardinar ġdid | Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li wara li sar il-proċess tal-interviews, ġie magħżul is-sur Marco Zahra sabiex minn nhar it-Tnejn jibda jaħdem bħala ġardinar mal-Kunsil Lokali. Huwa ser ikun qed juża l-vettura tiegħu u jinagħta kumpens għal-fuel | Segretarju Eżekuttiv |
| 12 3 11 | | Sindku: Bdil ta' fanali | Is-Sindku qalet li fi Ġnien iċ-Ċrieki u Ġnien iż-Żgħożija qed jinbidlu l-fanali kollha. Dan qed isir mill-Public Works. | Sindku |

**12. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 4 1 | | Abela: One-Way Triq Bugħarbiel | Abela staqsiet meta din il-bidla ser issir. Is-Sindku qalet li hekk kif titlesta Triq San Girgor dan ser ikun qed isir mill-ewwel. | Sindku |
| 12. 4 2 | | Abela: Dwal temporanji fi Ġnien Ċrieki | Abela staqsiet jekk jistax isir b'mod temporanju dawl bis-solar sabiex fil-perjodu li ser idumu sabiex jibdlu l-fanali fi Ġnien iċ-Ċrieki u ġonna oħra, dawn ma jitħallewx fid-dlam. Ser inkunu qed nistaqsu lill-kuntrattur dwar x'jista' jsir u kemm hi l-ispiża. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 4 3 | | Abela: Triq il-Kbira | Abela staqsiet dwar fiex waslet it-talba li kien hemm minn residenta dwar kaptelli ta' xelter kif ukoll tappiera tħabbat. Is-Sindku wieġbet li t-tappiera ser jirranġawha l-ħaddiema tal-kunsill filwaqt li l-kaptelli ma jistgħux jiġu rranġati minn naħa tagħna. Ser nibagħtu tfakkira lill-Public Works Department peress li diġa' kellimnihom dwarhom. | Sindku |
| 12. 4 4 | | Attard: Belishia Lights fi Triq Alfredo Cachia Zammit | Attard qal li dawn għadhom mitfija u huma ta' periklu kbir. Ser inkun qed inkellmu lid-dipartiment li jieħdu ħsieb dan u nitolbu li għalinqas isiru żewġ rifletturi biex jiġu iktar viżibbli. | Attard |
| 12. 4 5 | | Attard: Vjal Ħaż-Żabbar | Attard qal li Vjal Ħaż-Żabbar jisab mudlam. Is-Sindku qalet li diġa' sar rapport dwar dan. | Attard |
| 12. 4 6 | | Attard: Tneħħija ta' parkeġġ | Attard qal li fejn Dennis Ironmongery irid jintnaqqas parkeġġ peress li tal-linja ma tistax iddur sew. Dwar dan kien hemm qbil. | Attard |

**12. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 5 | 1 | | Giardina: Problemi biex naqbdu l-uffiċċju tal-kunsill | Giardina qajjem problema li qed jiltaqgħu magħhha meta jċemplu fl-uffiċini tal-kunsill peress li meta l-linji jkunu kollha okkupati min qed iċempel ma jkunx notifikat b'dan u jaħseb li mhux jirrispondu. Wara disksussjoni kien hemm qbil li din għandha tiġi rranġata jew tinbidel sabiex din tissolva. Qamet ukoll il-problema li kien qed jingħata ħafna xogħol wara l-ħin tax-xogħol li dan kien qed iwassal għal overtime bla bżonn. Is-Sindku qalet li dan għandu jinqata' u kemm jista' jkun nużaw ic-channels (imejl u telefon) sabiex nikkomunikaw mal-ħaddiema u jiġu evitati chats personali. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 05. | 02. | | Camilleri: Neutering tal-qtates | Camilleri qalet li dawk il-qtates kollha li qed jiġu msewwija qed jiġu reġistrati fuq is-Segretarju Eżekuttiv. Ser tkun qed taħdem sabiex tiġi rranġata din il-ħaġa u dawn jinqalbu fuq il-feeders. Ser naraw il-proċess ezatt li jrid isir. | Camilleri |
| **12.** | **6.** | | | **Attivitajiet Milied;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. | 6. | 1 | | Aquilina | Aquilina ta spjegazzjoni tal-attivitajiet li ser ikun qed jiġu organizzati għal żmien il-Milied. Huwa semma l-banda li ser tkun qed tieħu sehem u tagħmel għanjiet tal-Milied r-raħal ta' Fuq fis-17 ta' Diċembru kif ukoll il-kunċert tal-Milied li ser isir fit-30 ta' Diċembru fejn ser jikkomemora wkoll l-għoti ta' titlu ta' Belt. | Aquilina |
| 12. | 6. | 2 | | Sindku | Is-Sindku qalet li fil-11 ta' Diċembru ser tkun qed issir attivita' bħala apprezzament lejn il-ħaddiema, filwaqt li fis-16 ta' Diċembru ser issir attivita' fejn ser jitlaqqgħu l-għaqdiet tal-lokal. | Sindku |
| **12.** | **7.** | | | ***Pjazza għal Pjazza;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12 | 7 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ser tkun qed tiġi mistiedna Tikka Banda fejn ser tibda mid-dar tal-anzjani u l-Klabb tal-Boċċi ser ikunu qed jagħtu wirja u n-nies preżenti jistgħu jesperjenzawha wkoll. Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien tal-Kmand ser jinqasmu fi tlett partijiet, b'logħob għat-tfal, Teatur u Christmas Market kif ukoll fil-parti l-oħra, għana u show minn Projekt Lazarus. | |
| **12.** | **8.** | | | **Xogħlijiet;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. | 8. | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li dalwaqt jibdew xogħlijiet fi Triq Cannataci, Ħal Bisbut u Sir Paul Boffa sabiex jingħataw it-tarmak minn IM. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. 8. 2 | | Sindku: Ġnien Breġju | Is-Sindku qalet li x-xogħlijiet fi Ġnien Breġju dlwaqt ikunu lesti. It-TZRA ser ikunu qed jagħmlu xogħol ta' żebgħa fl-istess ġnien. | |
| 12. 8. 3 | | Sindku: Mina taħt Triq il-Labour | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li x-xogħol tal-mina li ser tgħaddi minn taħt Triq il-Labour beda miill-WSC. | |
| 12. 8. 4 | | Sindku: Triq Santa Katarina | Is-Sindku qalet li x-xogħol beda u t-toroq tal· madwar ġew maqluba sabiex it-traffiku jkun jista' jdur aħjar kif konna qbilna dwarhom. | |

**12. 9.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 9. 1 | | Sindku: Ġurnata Għawdex | Is-Sindku qalet li ser tkun qed torganizza ġurnata Għawdex fl-4 ta' Jannar 2026 fejn fost l-oħrajn ikun hemm żjara l-Presepju Ħaj f'Għajnsielem. | Sindku |
| 12. 09. 02. | | Camilleri | Camilleri qalet li ġew preżentati €1000 lill-Fondazzjoni Nazzareth, liema fondi inġabru mill-istudenti. Dakinhar tal-Christmas Market l-istudenti ser ikomplu jiġbru d-donazzjonijiet. Ser jitkantaw Għanjiet tal-Milied flimkien mal-Fondazzjoni Nazzareth u ser ikun hemm l-islitta wkoll. Ser isiru kartolini waqt il-ħin tal-iskola u dawn ser jitqassmu lill-anzjani tal-lokal fi djarhom. | Camilleri |
| 12. 09. 03. | | Camilleri: Clean Up Day | L-għalliema flimkien mal-istudenti ta' Skola Primarja A talbu li ssir clean up fit-tieni term tal-iskola u qed jitolbu l-għajnuna tagħna billi nipprovdulhom il-boroż u l-ingwanti. Kien hemm qbil dwar dan. | Camilleri/Sindku |

**12. 10.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 10. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 10. 3 | | *Petty Cash* - Frar 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €195.44 | Segretarju Eżekuttiv |

**12 11** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. | 11 1 | Abela | Abela ressqet il-mozzjoni tagħha, sekondata minn Caruana fejn tat spjegazzjoni li wara ħafna nterventi sabiex jitnaqqas jew jiġi eliminat il-ħamiem l-ebda waħda ma ħalliet frott. Hija qalet li meta l-AKL kienu ffinanzjaw l-għalf bil-kontraċettiv, ġiet infurmata li dan beda jħalli effett. Għalhekk hi qed titlob li din għandha titkompla u jerġa jibda jsir l-għalf biex din il-problema tibda tissolva. Hija qalet ukoll li diġa' ġabet stima mingħand The Exterminator bl-ammont ta' €250 kull feeder. Il-Kunsilliera qalu li dan l-alf ma ħalla l-ebda effett tant li l-ammonti ta' ħamiem baqgħu l-istess. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan għandu jiġi l-kunsill u jtina garanzija li dan ser jaħdem u spjegazzjoni fuq kemm snin dan għandu jseħħ. Wara li jkollna dawn id-dettalji f'idejna (sa laqgħa oħra) jkun jista' jittieħed vot dwar dan. | Enya |
| **12** | **12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |